

Kitba tal-Kav. Mario Coleiro

# Għar Ħasan

*Insibu wkoll għerien li magħhom intrabtet xi devozzjoni bħall-għar tal-Madonna fir-Rabat Malta, l-għar tal-Madonna tal-Mellieħa, l-għar ta' San Martin fil-limiti tal-Imġarr Malta u bosta oħrajn.*

Il-blat li huwa magħmul minnu l-gżejjer Maltin huwa blat imqassam f'ħames saffi li wħud minnhom huwa blat iebes, u oħrajn kemmxejn artab. Fis-saffi tal-blat artab insibu diversi għerien li tħaffru mill-ilma mal-mogħdija ta' miljuni ta' snin. Dawn l-għerien huma minjieri ta' informazzjoni għal dawk li jistudjaw il-ġeoloġija ta' pajjiżna. Fihom wieħed jista' jistudja l-informazzjoni tal-blat innifsu minn fossili u ħwejjeġ oħra. F'ħafna minn dawn l-għerien insibu wkoll fdal ta' bhejjem li kienu jgħixu f'pajjiżna kif ukoll fdalijiet tal-ewwel abitanti tal-gżejjer tagħna. Wieħed minn dawn l-għerien huwa dak li nsejħulu Għar Dalam ġewwa Birżebbuġa. Minn skavi li saru ġewwa dan l-għar instabu fdalijiet ta' bhejjem li kienu jabitaw f'Malta meta pajjiżna kien għadu magħqud mal-kontinent Ewropew. F'dan l-għar instabu wkoll fdalijiet tal-ewwel abitanti tal-gżejjer Maltin u minn dawn stajna nsiru nafu kif kienet il-ħajja ta' dawn in-nies u l-iżolament li kienu jgħixu fih. Insibu wkoll għerien li magħhom intrabtet xi devozzjoni bħall-għar tal-Madonna fir-Rabat Malta, l-għar tal-Madonna tal-Mellieħa, l-għar ta' San Martin fil-limiti tal-Imġarr Malta u bosta oħrajn. Imbagħad insibu dawk l-għerien li magħhom għandhom marbuta xi storja jew leġġenda bħall-Għar tal-Isperanza fil-Mosta, l-Għar ta' Kalipso fix-Xagħra Għawdex u Għar Ħasan. Proprju fuq dan l-għar li ser niffoka l-istorja tagħna.

Għar Ħasan jinsab fl-inħawi ta' Ħal Far iħares fuq l-irdum bejn dak il-post imsejjaħ tal-Mara u tal-Artal. Mill-formazzjoni tal-għar jidher li dan tħaffer mill-ilma u jinfed f'żewġ friegħi. Waħda timxi parallela max-xifer tal-irdum u mid-daħla prinċipali tidħol għal distanza ta' diversi metri u terġa' tiżbokka fetħa oħra li tħares fuq il-baħar. It-tieni fergħa tal-għar tidħol 'il ġewwa ħafna u tibqa' dieħla bi dritt id-daħla prinċipali. Din il-parti tal-għar ingħalqet għall-pubbliku għal raġunijiet ta' sigurtà. Meta bniedem jidħol f'din il-parti jista' jintilef jew isib problemi ta' nuqqas ta' arja. Xi arkeologi jsostnu li f'dan l-għar fil-qedem kienu jeżistu tpinġijiet Pre-Istoriċi li jiffiguraw iż-żwiemel. Dan jista' jkun ir-raġuni għall-isem ta' dan l-għar meta nikkunsidraw li l-kelma Ħison tfisser żiemel u din il-kelma setgħet faċilment iddawret għal Ħasan. F'xi mapep antiki insibuh imniżżel bħala Għar Ħion.

Imma x'inhi eżatt il-leġġenda marbuta ma' dan l-għar u għaliex dan l-għar b'veduta daqstant sabiħa, jissejjaħ Għar Ħasan? L-istorja teħodna għall-wasla tan-Normanni f'Malta li kienu mmexxija mill-Konti Ruġġieru. L-Għarab li kienu jaħkmu fuq Malta ndunaw li kien wasal it-tmiem tal-ħakma tagħhom. Ħafna minnhom ħarbu u dawk li baqgħu, tkeċċew mill-Konti Ruġġieru. Kien baqa' Għarbi wieħed biss li kien jismu "Ħasan" u li kien wieħed mill-agħar kapijiet, kiefer u krudili.

Ħasan kien baqa' f'Malta għax kien tefa' għajnejh fuq xebba l-ġmiel tagħha Maltija li kien jisimha Katrina u għalhekk ma ridx jitlaq minn Malta mingħajr ma jeħodha miegħu. Ta' ħalliel li kien, darba fost l-oħrajn ħataf li Katrin meta din kienet sejra lura d-dar wara ġurnata xogħol fl-għalqa ta' missierha. Għalkemm Katrina ppruvat taħrab minn taħt idejh huwa ma ħallihiex taħrab u kaxkarha miegħu u nħeba ġo għar li jinsab imwarrab ma' xifer l-irdum li jħares fuq il-baħar viċin ta' Ħal Far. Moħbi ġewwa l-għar, Ħasan dam għal diversi ġranet u miegħu żamm lil Katrina kontra x-xewqa tagħha.

Imma x'kien qed jittama Ħasan minn ġo dak l-għar? Ħaġa waħda, li xi darba l-Għarab ser jirnexxilhom jieħdu lura lil Malta f'idejhom.

Ħasan kien kap ta' xini Għarbi. Mal-lejl maħruba minn Filfla kienet toħrog lanċa u tersaq lejn dawk l-inħawi fejn kien qed joqgħod Ħasan. Jingħata s-sinjal u mill-għar mudlam jitniżżel ħabel li miegħu jintrabtu ittri u messaġġi. Il-ħabel jittella' lura bi proviżjoni ta' ikel u xorb. F'lejl minnhom Ħasan tefa' l-ħabel bħas-soltu u tela' lura b'aħbar tajba. Forsi aktar kmieni milli ħaseb, ix-xini kien ser jasal. Mar iqajjem lit-tfalja sabiex itiha l-aħbar li hi kienet ser tbaħħar miegħu lejn l-Afrika jew l-Asja. Bla dubju din l-imsejkna tfajla xejn ma ħadet gost u talbitu bil-ħniena biex hi tibqa' Malta, staqsietu x'kien ser jiġri minnha u hu qallha li ser jibdilha f'Musulmana sabiħa u tkun ir-Reġina tas-suldati tiegħu. It-tfajla kompliet tinsisti li ma tridx tiċħad ir-reliġjon Nisranija u Ħasan kif ra hekk rabatha b'ħabel. Ix-xini kien fil-qrib ħafna. Ħoss mhux tas-soltu nstema' mill-għar. Ħasan ipprepara l-lanza għal li jista' jinqala'. Ħasan sab ruħu mdawwar bis-suldati Maltin, li dawn tal-aħħar talbuh biex jeħles lit-tfalja imma dan baqa' jirrifjuta. Kif ra li ma hemmx triq oħra tefa' t-tfajla għal ġol-ħondoq u hu qabeż warajha. Jingħad li l-ġisem bla ħajja tal-povra Katrina qatt ma nstab u l-anqas dak ta' Ħasan. Minn dak inhar ta' din l-istorja traġika, l-għar fil-limiti ta' Ħal Far baqa' jissejjaħ Għar Ħasan. Bħalma għedtilkom qabel bosta minn dawn l-għerien insibu marbuta magħhom xi leġġenda jew xi devozzjoni u din ta' Għar Ħasan hija waħda minnhom.





